# IL-HOLMA TA' ŻEŻINA

—Ara s-sa' Żeż! Hawn kellna niltaqgħu?

—X'tagħmel, kollox irid ikun —x'tarbija għandha Dolor, xi ħlewwa—mita missilha xoftejha bil-melħ il-Kappillan ħarġet ilsienha, bħallikieku għoġobha. L-anqas tniffset, ruħi binti, mita xarrbilha rasha.

—Dik x'parrina qalgħu? Dònnha minn wara l-muntanji, ħwejjiġha jibku fuqha. Basta bl-ingwanti tal-filé! Daħlet ġo l-abbati u waqqegħtlu l-ktieb u kienet għodda qalbet il-baċil. Tafha?

—Lè, qatt ma rajtha. Nistħajjilha tiġi mir-raġel għax dak mill-Imqabba.

—Tat-tajjeb donnu għax irmalha dar kif imiss. Ara x'purtieri tad-damask! Ara x'kull mera! kollox bla gost. Xorb u ħelu bil-ħala. Għamlu nifishom għall-ewwel tarbija.

—Hu xi ħaġa għax tal-gabarré irid jilħaq ma' kullħadd.

—Nieħu erbgħa ħwejjeġ ħelwa għat-tfal. Qabel ħriġt qaltli Mananni tiegħi—ara li ġġibilna xi ħaġa mill-magħmudija la m'intix ser toħodna.

—Hu, daqs kemm hawn ġid.

Is-sa' Żeż, li l-ħin kollu għajnejha jibru biex tara ġietx dik li riedet tiltaqa' magħha, qamet fuq qaddha u sejjħet lil waħda xbejba li kienet għadha kif daħlet fil-kamra.

—Ejja l'hawn Ros, hawn siġġu battal. Mela ma ġejtx il-Knisja?

—Le, sa' Żeż, ġejt biex ma tgħidx Dolor li ridt nonqosha, għax ma nħobbx inħaddar jien.

—Għadek fl-aħjar tiegħek; imissek tidher kullimkien; ili ma narak u, għax tgħid, kont bix-xewqa li nkellmek.

—Jaqaw?

—Ma ridt xejn, imma ħlomt b'ommok ilu ftit u, billi naf kemm kont tħobbha, għedt ingħidlek biha. Hu biskuttin sa dat-tant.

—Miskina ommi, m'jien xejn mingħajrha.

—Jien naf kemm kienet miġbuda lejk! oħroġ il-għaġeb, ħlomt li rajtha kollha daħkana fi ġnien kollu żahar u fjuri. Qaltli li xejn ma jonqosha, imma jien fil-għodu mort smajtilha quddiesa għal ruħha.

—Lili semmietni? staqsiet Rożina.

—Ma ridtx ingħidlek, iva semmietek. Resqet lejja bil-ħlewwa u qaltli: Kemm xtaqt li Rożina tiegħi ma tibqax weħidha. Il-ġuvni li q'ed iħares lejha igħodd għaliha.

—Rożina saret ħamra u ħasset rogħda f'qalbha. Li kienet taf sewwa xi trid minnha ommha! "Xi isem, xi ħiel fuq dan il-ġuvni xejn, sa' Żeż"?

—"Taf il-ħolm kif inhu, dak il-ħin tara kollox sewwa mbagħad mita tqum ma tqabbilx malajr dak li ħlomt. Deherli li semmiet sinjur tal-qorti, is-sur Ċekkinu, jew Peppinu, jew Ġanninu; ma niftakarx. Xi ħadd gwapp, għaref, hi taf f'min kienet taħseb. Binti l-ħolm sħab tas-sajf, għajbur, jitrabba u jisfa fix-xejn f'radda ta' salib."

—"Dil-ħolma fiha x'taħseb, sa' Żeż."

—"Dil-ħolma iva. Twissija tal-omm mid-dinja l-oħra m'hix ħaġa taċ-ċajt. Nistħajjel li dejjaqtek, ġejt biex tagħmel żjara tal-ferħ. Jien ukoll, x'fettilli nitkellem? imma malli rajtek ma tanix li ma ngħidlekx."

—"Għamilt sewwa, sa' Żeż. Dak li għedtli jista' jkunli ta' ġid."

Malli marret id-dar Rożina nfexxet f'bikja. Tgħid tassew ommha ħallmitha lil Żeżina? Iltaqgħu f'magħmudija bla ebda ħsieb, lil Żeżina tafha fil-bogħod, saħħa, saluti. Fuq x'tagħmel hi u x'taħseb żgur ma taf xejn. Ħolmot b'ommha u l-ewwel darba li ltaqgħet magħha semmithielha. U dan il-ġuvni min sata' jkun li ommha riditha tiegħu?Minn ftit ilhawn intebħet b'ġuvnott qsajjar dejjem bil-ġakketta sewda, bastun iswed bil-fidda, ingwanti mitnija jferfru f'idu x-xellugija; igħaddi sikwit minn qoddiem id-dar; xi ħadd qallha li jismu Ċekkinu, pirkratur, ikun il-qorti ta' fuq, mill-Birgu. Tgħid hu? Il-fellus daħal f'moħħha.

* * *

Is-sur Ċekkinu kien bil-qegħda quddiem ħafna karti mita s-sa' Żeż tektkitlu fuq il-bieba tal-offizzju u daħlet.

—"Hawn jien, sur Ċekkinu, dak li wegħedtek għamiltu, in-nasba saret, issa x-xlief f'idejk."

—"Mara int, ħa dawn tà' xogħolok"; u ħareġ mill-kaxxun żewġ nofs liriet. Kif ftehemna għandek ħames liri dak inhar li nidħol għarus u għaxar liri wara li ssir il-kitba taż-żwieġ. Kif ħaditha l-aħbar is-sinjurina?

—Infixlet daqsxejn, imma kollox mexa kif ridt jien.

U dak li nżara nibet. U Żeżina biż-żmien ħadet il-ħames liri u l-għaxar liri wkoll minn għand Ċekkinu. U fit-tieġ kienet mistiedna u l-ħaddara ma sabux xi jgħidu. Xorb u ħelu kien hemm bil-ħala, għax Rożina ma żżewġitx b'idha-f'idha, missierha kien ħalla l-ġid u minn għand zijietha wirtet ukoll.

U s-sur Ċekkinu ried li l-ħwejjeġ isiru sewwa; dak li żara nibet, ħalli kullħadd jifraħ. Żeżina ma baqgħetx ma rabtet f'maktur ftit ħelu għan-neputijiet bħal ma kienet għamlet fil-magħmudija ta' Dolor u naħseb li f'waqt it-trattament ftakret f'dik il-magħmudija fejn qalb il-biskuttini twieldet il-ħolma li seħħet. U l-għarajjes għammru u tammru, sew kif kienu jispiċċaw il-ħrejjef ta' niesna fl-imgħoddi.

T. Z.